**24 ta' Novembru, 1962.**

**Imhallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Emanuel Portughes

**Appell — Piena.**

*Ir-riviżjoni, da parti tal-Qorti tal-Appell, tal-piena irrogata mill-Maġistrat fil-Qorti tal-Ewwel Istanza ma għandiex tiġi affrontata bil-kriterju personali u soġġettiv, u mhux neċessarjament identiku, ta' ġudikant wieħed u ieħor fil-latitudini tal-minimum u tal-maximum tal-piena kontenut fil-liġi, imma għandha tiġi aktar raġjonevolment ispirata mill-indaġini obbjettiva, dik, ċjoè, li l-ġudikant fl-appell għandu jara jekk il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti (apparti x'kienet tkun dik li kien jagħti huwa stess kieku kien qiegħed fl-ewwel istanza) hijiex, fil-kwadru tal-każ, manifestament eċċessiva, jew gravuża, jew sproporzjonata. Hemm, s'intendi, każijiet oħra li fihom il-piena tista' tiġi varjata; imma dawn qegħdin fuq pjan ieħor, ċjoè meta l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti tkun difformi minn dik stabbilita mill-liġi, jew meta l-Qorti tal-Appell tkun sabet, bħala fatt, xi ċirkustanza li topera in diminuzzjoni tal-piena b'effett tal-liġi stess, bħal meta tkun irriteniet li kien hemm il-provokazzjoni eskluża mill-Ewwel Qorti; imma, barra dawn il-każijiet, u meta ċ-ċirkustanzi ta' fatt ikunu l-istess kif kienu quddiem il-Qorti tal-Ewwel Grad, allura l-kriterju li għandu jiggoverna din ir-reviżjoni ma jistgħax ikun ħlief dak hawn fuq traċċjat.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, limitatament għall-piena, mis-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, li biha ġie kundannat għall-multa ta' £20 u ammenda ta' £5 għar-reati ta' offiża ħafifa volontarja fuq il-persuna u ta' storbju, rispettivament;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti, kif presjeduta, kellha kemm il-darba l-okkażjoni li tgħid illi r-reviżjoni minnha tal-piena irrogata

mill-Qorti tal-Ewwel Istanza ma għandiex tiġi affrontata bil-kriterju personali u soġġettiv, u mhux neċessarjament identiku, ta' ġudikant wieħed u ieħor fil-latitudini tal-minimum u maximum tal-piena kontenut fil-liġi, imma għandha tiġi aktar raġjonevolment ispirata għal indaġini obbjettiva, dik, ċjoè, li l-ġudikant fl-appell għandu jara jekk il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti (apparti x'kienet tkun dik li kien jagħti huwa stess kieku kien qiegħed fl-ewwel istanza) hijiex, fil-kwadru tal-każ, manifestament eċċessiva, jew gravuża, jew sproporzjonata. Hemm, s'intendi, każijiet oħra li fihom il-piena tista' tiġi varjata, imma dawn qegħdin fuq pjan ieħor, ċioè meta l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti tkun difformi minn dik stabbilita mill-liġi, jew meta din il-Qorti tal-Appell tkun sabet, bħala fatt, xi ċirkustanza li topera in diminuzzjoni tal-piena b'effett tal-liġi stess, bħal meta tkun irriteniet li kien hemm il-provokazzjoni eskluża mill-Ewwel Qorti, "et similia". Iżda minbarra dawn il-każijiet, u meta ċ-ċirkustanzi ta' fatt ikunu l-istess kif kienu quddiem il-Qorti tal-Ewwel Grad, allura l-kriterju li għandu jiggoverna din ir-reviżjoni ma jistgħax ikun ħlief dak fuq traċċjat;

F'dan il-każ, din il-Qorti ma tħossx bl-ebda mod li l-piena irrogata mill-Qorti tal-Ewwel Istanza hi eċċessiva. Anzi, jidher li l-appellant ġa *kellu* l-beneficċju tad-dubju dwar l-imputazzjoni l-aktar serja ta' attruppament. Lanqas huma denji ta' konsiderazzjoni benevola fatti simili ta' aggressjoni fuq il-persuna ta' referees fl-isport, li jiġi b'hekk avvilit għad-dannu tar-riputazzjoni nazzjonali;

Għalhekk tiddeċidi billi tiċħad l-appell, u, "quoad appellatum", tikkonferma s-sentenza appellata.